MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2007

Appell Kriminali Numru. 65/2006

Il-Pulizija
(Spettur Louise Calleja)
Vs

Alexander Giacomotto

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli :
a) Fl-ghoxrin ta' Ottubru 2000 u fix-xhur ta' qabel, fil-Qawra u diversi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, b'ghemil zieni kkorrompa lil **OMISSIS** persuna taht l-eta;

b) Talli ghal qliegh, jew ghat-tqassim, wera f'post pubbliku jew f'post accessibbli ghal pubbliku, zamm jew akkwista

jew iccirkola jew innegozja wkoll jekk dan n-negozju sar bil-mohbi, oggetti, film jew stampat pornografiku u cioe films u/jew videos f'post pubbliku jew f'post accessibbli ghal pubbliku.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-22 ta' Frar, 2006, li biha, wara li rat l-Artikoli 203(1)(c), 208, 17(b), 20, 22 u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati tal-ewwel akkuza w ikkundannatu ghal piena karcerarja ta' erbgha snin u mhux hati tal-akkuza ta' wiri ta' materjal pornografiku mill-liema akkuza lliberatu.
Il-Qorti rat li ma giex nominat ebda espert f'din il-kawza w ghalhekk astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni maghmula ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Il-Qorti ordnat li l-isem u l-konnotati kollha tal-minuri li xehdu f'dawn il-proceduri m'ghandhomx jigu pubblikati fuq il-mezzi kollha tax-xandir u dan fl-interess tal-istess minuri w ordnat ukoll il-projbizzjoni tal-pubblikazzjoni tal-isem tal-iskola fejn kien jghallem l-imputat.
Il-Qorti ordnat ukoll il-konfiska tal-videos pornografici esebiti f'dawn l-atti nhar id-29 t'Ottubru, 2001 favur il-Gvern ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-6 ta' Marzu, 2006, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tvarja w tirriforma s-sentenza appellata billi, filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti taghha fejn sabet lill-appellant mhux hati tat-tieni imputazzjoni, thassar, tirrevoka w tikkancella l-istess sentenza f'dik il-parti taghha fejn sabet lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni w konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni w piena w, f'kaz li ma tilqax l-aggravji dwar il-mertu, tirriforma l-istess sentenza f'dik il-parti taghha li tikkoncerna l-piena nflitta.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, jikkonsistu fis-segwenti w cioe' :- 1.Illi l-Ewwel Qorti ghamlet enuncjazzjoni zbaljata w skorretta tal-ligi biex b' hekk

stabiliet il-htija. Dan ghaliex iddikjarat li l-ezami li trid taghmel tal-apprezzament tal-provi huwa ezami fejn il-grad tal-provi huwa l-probabbli, tant li a fol. 32 tas-sentenza appellata qalet testwalment:-

“Ghalhekk jispetta lil Qorti tara liema hija l-aktar xhieda kredibbli u verosimili fic-cirkostanzi u dana a bazi tal-probabbilita’.”

Invece, l-pozizzjoni legali korretta hija li l-prosekuzzjoni trid dejjem tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni fil-waqt li d-difiza ma ghandha assolutament, f’ dan it-tip ta’ reat, ebda obbligu li tipprova xejn. Jekk, pero’, d-difiza taghzel li tressaq xi prova, allura l-livell li jrid jintlahaq huwa dak tal-probabbli. Konsegwentement huwa biss limitatament ghall-apprezzament tad-depozizzjoni tal-akkuzat u ta’ xi prova ohra li huwa jipprova jaghmel li l-Qorti trid tara jekk tali depozizzjoni jew prova hijiex veritjiera biss sal-grad tal-probabbli .

It-tieni aggravju li hu bazat fuq enuncjazzjoni zbaljata w skorretta tal-ligi jikkonsisti fid-dikjarazzjoni li ghamlet *“obiter*” l-Ewwel Qorti, li fl-ezercizzju li trid taghmel dwar il-kredibilita’ tax-xhieda hija rinfaccjata b’ zewg alternattivi, ossia jew li l-imputat qed jghid il-verita’ jew mhux kif intqal fil-pagna 31 tas-sentenza appellata li jaqra hekk :-

“Il-Qorti ezaminat bir-reqqa kollha l-provi kollha migjuba u thoss li l-alternattivi huma tnejn; jew li l-imputat qed jghid il-verita’ jew mhux.”

Imma fil-kamp penali mhix kwistjoni ta’ alternattivi izda kwistjoni dwar jekk il-prosekuzzjoni ppruvatx il-kaz taghha jew le *“sic et simliciter”*. Tabilhaqq jista’ jkollok xenarju fejn l-imputat ma jkunx qed jghid il-verita’ u xorta wahda l-kaz tal-prosekuzzjoni ma jkunx ippruvat.

It-tielet kaz ta’ enuncjazzjoni zbaljata u skorretta tal-ligi jikkonsisti f’ dak li ntqal fil-pagna 31 tas-sentenza appellata u cioe’:-

“Pero’ c-cirkostanzi kif inuma, u kif jirrizultaw fil-process biex din il-Qorti tasal ghal konkoluzzjoni li l-imputat mhux hati tad-delitti lilu ( addebitati ), trid ukoll tasal ghall-konkluzzjoni, kif donnu allegat mid-difiza, li kien hemm fil-kaz u fil-konfront tieghu speci ta’ kongura minn persuna biex taddebitalu delitti li ma kkommettiex.”

2. Li l-Ewwel Qorti ghamlet ukoll apprezzament zbaljat tal-provi. Qabel xejn l-appellant ghamel sottomissjonijiet fir-rigward tal-funzjoni ta’ din il-Qorti fl-evalwazzjoni mill-gdid tal-provi meta tkun qed tisma’ appelli mill-Qrati tal-Magistrati ghad-distinzjoni meta tkun qed tisma’ appelli mill-verdetti tal-gurati w sentenzi tal-Qorti Kriminali. Jinhtieg li din il-Qorti tkun Qorti ta’ revizjoni fil-veru sens tal-kelma u li inoltre jigi mfakkar li l-kriterji hawnhekk mhumiex rigidi daqs kemm huma rigidi fil-kazijiet ta’ appelli interposti taht l-artikolu 500 tal-Kap. 9.

L-Ewwel Qorti ma ghamlet ebda kumment dwar diversi aspetti tax-xiehda ta’ Omissis 1 li kienu kontradetti mill-provi. Dawn l-allegazzjonijiet saru meta Omissis 1 kien ser jitkecca mill-iskola. L-appellant ghamel riferenza ghax-xiehda tal-appellant, tas-Surmast Joseph Grima, l-Assistant Head Anthony Mangion u l-ghalliem Charles Pace li jikkorroboraw din il-versjoni tal-fatti. L-Ewwel Qorti ukoll ma tatx piz ghall-fatt li Omissis 1 stess stqarr li mhux dejjem qal il-verita’ w li kien hemm okkazzjoni meta gideb. Il-versjoni ta’ Casha kienet ukoll kontradetta mill-istess provi tal-prosekuzzjoni. Hekk, per ezempju, fil-waqt li Casha jghid li l-appellant kien wera films pornografici fil-prezenza tieghu w tal-akbar habib tieghu Omissis 4, dan tal-ahhar ma jghid assolutament xejn minn dan. L-istess jinghid dwar ic-cahda ta’ Luke Calleja u Adrian Vella rigward allegazzjonijiet ta’ tehid ta’ xorb u l-karti tal-ezami maghmula minn Omissis 1. Ghalhekk l-Ewwel Qorti ma setghetx la legalment u lanqas ragjonevolment tasal ghas-sejbien ta’ htija.

3. Li, bla pregudizzju, l-piena fic-cirkostanzi kienet eccessiva.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Proskuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Rat ir-rikors tal-appellant tas-27 ta' Marzu, 2006 fejn talab li l-Qorti tawtorizzah, a tenur tal-artikolu 424(a) tal-Kap.9, itella' bhala xhieda fl-istadju tal-appell lil Omissis 2 u Omissis 3, li kienu stqarrew mal-appellant li Omissis 1 kien stqarr maghhom li kien bi hsiebu jaghmel azzjoni hazina lill-appellant talli kienu ser jittiehdu proceduri dixxiplinarji fil-konfront tieghu, u dan peress li dawn il-persuni kienu avvicinaw lill-appellant wara li semghu bis-sentenza appellata .

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali tal-5 t' April, 2006, li biha oggezzjona ghat-talba, salv li ssir il-prova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li din l-evidenza tissodisfa r-rekwiziti tal-paragrafu (a) ta' l-artikolu 424 tal-Kodici Kriminali .

Semghet bil-gurament lill-appellant fl-udjenza tas-6 t' April, 2006, limitatament dwar dar-rikors ;

Rat il-verbal tal-istess udjenza li bih Dr. Stephen Tonna Lowell, ghall-Prosekuzzjoni, ddikjara li, wara li ra l-affidavits u sema' x-xiehda ta' l-appellant, bla pregudizzju, kien qed jaqbel li jinstemghu z-zewg xhieda biss biex jigi accertat jekk it-talba hiex gustifikata skond l-artikolu 424 u f' kull kaz, jekk jigu ammessi, talab u insista li jkollu d-dritt li jsejjah konfront bejn dawn ix-xhieda w Omissis 1.

Rat id-Digriet Taghha tal-istess data li bih laqghet it-talba w ordnat li dawn iz-zewg xhieda godda jitharrku ghas-seduta tal-1 ta' Gunju, 2006 sabiex f' dak l-istadju jixhdu biss ghall-fini tal-imsemmi artikolu.

Rat id-Digriet Taghha tal-1 ta' Gunju, 2006, li bih, wara li semghet ix-xiehda tal-istess Omissis 2 u Omissis 3 dwar kif saru jafu bil-kaz mir-rappurtagg tas-sentenza appellata mill-media, u wara li rat il-verbal li bih Dr. Stephen Tonna Lowell, ghall-Prosekuzzjoni, ddikjara li in vista tad-depozizzjoni taz-zewg xhieda f' dik is-seduta, kien sodisfatt li l-appellant ma kienx jaf b' dawk ix-xhieda qabel

is-sentenza appellata w ghalhekk ma kienx qed jopponi li jinstemghu f' dak l-istadju, laqghet it-talba ghall-produzzjoni tal-istess zewg xhieda.

Semghet ix-xiehda ta' Omissis 2 u Omissis 3 dwar il-mertu, fl-istess udjenza.

Semghet it-trattazzjoni fl-udjenzi tat-28 ta' Settembru, u 26 t' Ottubru, 2006;

Ikkonsidrat;

Illi fir-rigward tal-ewwel aggravju dwar l-enuncjazzjonijiet skorretti tal-ligi kontenuti fis-sentenza appellata, kif del resto jaccetta wkoll fit-trattazzjoni orali tieghu l-istess prosekutur, intuzaw frazijiet infelici mill-Ewwel Qorti li jistghu ma jirriflettux ezattament il-pozizzjoni legali korretta ghal dak li jirrigwarda, l-oneru tal-prova, l-grad divers ta' prova li trid tilhaq il-prosekuzzjoni w li trid tilhaq id-difiza, jekk trid tipprova xi haga, x' inferenzi jistghu jingibdu minn versjonijiet mhux kredibbli li jista' jaghti l-akkuzat, eccetera. Fis-sustanza l-appellant ghandu ragun meta ssenjala dawn il-brani mis-sentenza appellata w ssottometta li ma kienux jirriflettu l-pozizzjoni guridika korretta.

Il-pozizzjoni korretta hi li hija l-prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha minghajr ma thalli dubju dettat mir-raguni w cioe' sal-grad tac-certezza morali f' mohh il-gudikant tal-fatt. Id-difiza, ossia l-akkuzat, ma ghandu ghalfejn jipprova xejn. Izda, jekk jaghzel li jaghmel xi prova, bizzejjed li jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-probabbli. Mhux kull konflitt fil-provi necessarjament ghandu jwassal ghall-liberazzjoni tal-akkuzat pero'. Ix-xiehda ta' xhud wiehed biss jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox. Fl-evalwazzjoni tax-xhieda okulari il-gudikant irid ikun gwidat mill-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali.

Ghalhekk, fil-waqt li l-Ewwel Qorti kienet korretta meta qalet li trid tara liema xiehda kienet l-aktar kredibbli w cioe'

hux dik tal-allegat vittma jew tal-appellant u fil-waqt li kienet korretta ukoll meta qalet li dan irid isir ukoll fid-dawl tal-kriterju tal-verosimiljanza – li hu proprju wiehed mill-kriterji enuncjati fl-art. 637 fuq imsemmi : *“jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa”* - ma kienetx preciza meta qalet : *“u dan a bazi tal-probabbilta’*.” minghajr ma ghamlitha cara li dan il-grad japplika biss ghall-prova mressqa mill-appellant u mhux ukoll ghall-provi tal-prosekuzzjoni.

Forsi ukoll l-Ewwel Qorti ma uzatx terminologija felici biex tfisser dak li kellha f’ mohha meta qalet li *“thoss li l-alternattivi huma tnejn; jew li l-imputat qed jghid il-verita’ jew mhux.”* Il-kriterju kellu jkun jekk il-versjoni tal-allegat vittma kienetx tikkonvinci lill-Ewwel Qorti sal-grad tac-certezza morali w fl-affermattiv , jekk din kienetx skossjatha , anki biss sal-grad tal-probabbli minn xi versjoni kuntrarja tal-akkuzat, f’ liema kaz allura jkun hemm id-dubju dettat mir-raguni. Biex tinstab il-htija l-Ewwel Qorti kellha fl-ewwel lok temmen il-versjoni tal-allegat vittma w tiskarta dik tal-appellant bhala mhux kredibbli, lanqas sal-grad tal-probabbli.

Anki t-tielet bran citat mill-appellant mhux felici ghall-ahhar. Fl-ewwel lok dan mhux preciz ghaliex biex ikun hemm *“speci ta’ kongura”* dan jimplika ftehim bejn mill-inqas zewg persuni jew aktar, li zgur mhux il-kaz ghax l-allegazzjoni ta’ abbuz sesswali gejja biss mill-allegat vittma u hadd aktar f’ dan il-kaz. Fit-tieni lok hu skorrett ghaliex ma kienx hemm ghalfejn li l-Ewwel Qorti tasal ghal din il-konkluzzjoni biex issib lill-imputat appellant mhux hati fid-dawl ta’ dak li intqal fuq. Bizzejjed li jew ma temminx il-versjoni tal-allegat vittma sal-grad probatorju rikjest mill-ligi jew li taccetta c-cahda tal-appellant bhala wahda veritjiera fuq bazi ta’ grad ta’ probbabbilta’. Xejn izjed u xejn inqas.

Ikkonsidrat;

Imma anki jekk is-sentenza appellata kienet tikkontjeni dawn il-brani imprecizi jew infelici guridikament, dan ma jfissirx necessarjament li fis-sustanza s-sejbien ta’ htija fuq l-ewwel imputazzjoni mill-Ewwel Qorti kien zbaljat.

L-Ewwel Qorti ghamlet ezami dettaljat tal-provi mressqa miz-zewg nahat u wara li rriproduciethom fis-sustanza, bbazat id-decizjoni taghha fejn abbraccjat l-allegazzjoni tal-allegata vittma bhala wahda veritjiera, fuq diversi konsiderazzjonijiet validi, mhux l-inqas ic-cirkostanzi numeruzi li jikkorroboraw ix-xiehda tal-allegata vittma dwar l-okkazzjonijiet meta sehh l-abbuz sesswali. Fost dawn l-Ewwel Qorti semmiet il-fatt li l-allegata vittma kien zgur midhla sew tal-appellant u mar ghandu diversi drabi, daqqa ghall-privat u daqqa ghal ragunijiet ohra, u li bejnhom kien hemm relazzjoni intima li tmur "*beyond the call of duty*" ta' ghalliem ma student hafna snin izghar minnu. Li l-appellant kien wera interess zejjed fl-allegat vittma. Li addirittura kien isellfu jew jaghtih il-flus u li ma kienx izommlu flus tal-privat. Li fl-appartament tal-appellant li kellu Bugibba instabu l-videos pornografici li proprju semma l-allegata vittma meta tkellem mal-guidance teacher l-ohra u fix-xhieda tieghu. Li l-appellant fl-istqarrija tieghu, rrisponda ghal kollox hlief meta sarulu domandi diretti dwar l-allegat abbuz sesswali, fejn ghazel li ma jirrispondix. Kien hemm umbaghad il-komportament tal-appellant fuq il-pedana tax-xhieda fejn deher skombu hafna w ma kienx konsistenti u kull meta xehed ta versjoni tal-fatti pjuttost differenti. Invece l-allegat vittma fuq il-pedana deher kredibbli w kien konsistenti.

Dawn il-konsiderazzjonijiet kollha msemmija fil-paragrafu precedenti wahedhom setghu legalment u ragjonevcolment iwasslu lill-Ewwel Qorti ghall-konkluzzjoni ta' htija indipendentement mill-enuncjazzjonijiet skorretti tal-ligi fuq trattati, fil-fehma ta' din il-Qorti. Ghalhekk tali skorrettezzi wahedhom m'ghandhomx iwasslu biex is-sentenza appellata tigi revokata.

Ghalhekk l-ewwel aggravju, benche' ben fondat legalment, ma jwassalx necessarjament ghall-assoluzzjoni tal-appellant kif qed jippretendi fir-rikors tieghu.

Illi fir-rigward tal-ewwel aspett tat-tieni aggravju tal-appellant, skond gurisprudenza stabilita li tinsab osservata minn din il-Qorti wkoll kif illum diversament preseduta mill-erba imhallfin li qed jippresjeduha regolarment, hu pacifiku li anki meta il-Qorti ta' l-Appell Krminali tkun qed tisma' appelli minn sentenzi tal-Qrati tal-Magistrati, l-principju regolatur huwa li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f' dan is-sens *"inter alia"* l-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et."** [12.5.94; "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi "** [14.2.1989]; **"Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace"** [31.5.1991] ; **"Il-Pulizija vs. Anthony Zammit"** [31.5.1991] u tant sentenzi ohrajn .)

Illi appropozitu, din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza **"R. v. Cooper"** ([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

*"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate), because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone. However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been*

*done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed."* (Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392)

Illi din il-Qorti ser timxi ma din il-prassi stabilita f' mijiet ta' sentenzi w ma jidhrilhiex li ghandha raguni biex tiddipartixxi minnha, bil-mod kif qed jissottometti l-appellant, ghaliex fiha xorta wahda hemm mibnija s-salvagwardi mehtiega biex jittutelaw l-interessi tal-akkuzat appellant. Konsegwentement dan l-aspett tat-tieni aggravju mhux qed jigi akkolt.

Pero', dejjem in linea mall-principju fuq enuncjati, din il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-provi biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoini ta' htija dwar l-imputazzjoniji ta' korruzzjoni tal-minorenni li taghha nstab hati l-appellant fis-sentenza appellata.

Illi kif gja intqal din il-Qorti taqbel li l-konsiderazzjonijiet li ghamlet l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata kienu jintitolawha li legalment u ragjonevolment issib htija fl-appellant. Forsi l-aqwa korroborazzjoni li ssib ix-xiehda tal-allegata vittma hija proprju n-natura tal-videos pornografici li gew elevati mill-appartament li l-appellant kellu Bugibba u fejn allegatament sar l-abbuz sesswali li kien jikkonsisti filli l-appellant jimmasturba lill-allegata vittma waqt li jimmasturba lilu nnifsu. Fil-waqt li wiehed mil-videos ma jikkontjeni ebda materjal pornografiku, tnejn u nofs mit-tlieta l-ohra juru biss sensiela interminabbli ta' attivita' esplicita omosesswali bejn zewg guvintur jew kull tant aktar flimkien, proprju konsistenti f' *"mutual masturbation*" jew inkellha fejn wiehed jimmasturba lill-iehor u lilu nnifsu fl-istess hin. Fejn umbaghad f'parti minn video wiehed tippartecipa mara, jidher li r-"regista" kien aktar interessat fil-virilita' komparattiva tas-seba' jew tmin irgiel li kienu qed jissevizzjawha u jissodomizzawha kontemporanjament u flimkien milli fil-"bellezza tal-figura femminili". Din it-tip ta' pornografija ta' natura omosesswali tindika bil-qawwi x' inhuma l-predilezzjonijiet u tendenzi sesswali tal-appellant u cioe' proprju dawk li

ddeskriva l-allegat vittma meta qal x' ghamel mieghu l-appellant, u cioe' :-

"Dak in-nhar huwa nezzaghni u kellu blue film ta' l-irgiel peress li juri irgiel biss fis-sens li dan il-film kien qed juri irgiel li jmorru ma xulxin u jaghmlu s-sess bejnithom…."

Dan il-fattur indizjarju fil-fehma ta' din il-Qorti jkompli jsahhah mhux bil-ftit l-allegazzjoni tal-vittma ghal dak li hija kredibilita'.

Id-deskrizzjoni li kompla jaghti l-allegat vittma ta' dak li gara hija grafika w preciza :-

"……huwa nezzghani u morna fil-kamra tas-sodda . Hemm gradenza zghira u fuq din il-gradenza hemm hafna fwieha. Fin-nofs ta' din il-kamra hemm sodda u magembha hemm gwardarobba kbira. Hemm television fuq speci ta' stand magemb il-gwardarobba u hemm tieqa….Tlajna fuq is-sodda, qaghad ibusni, mmasturbani. Lili beda jghidli sabiex nimmasturbah, pero' jien ma ridtx u ghalhekk m'ghamiltx hekk, qalli sabiex immorru ninhaslu…Jien mort f' kamra tal-banju wahda, huwa mar fl-ohra u sussegwentement wassalni d-dar. Dakinhar lili wassalni d-dar ghal habta ta' nofs siegha ta' filghodu u kont iggielidt ma missieri peress li ma kienx ihallini barra…Dakinhar wara li kellna dan l-incident bejnitna kien tani ghaxar liri."

Li dak in-nhar l-allegat vittma kien irrinkaza tard u missieru ghamel ghalih hu konfermat mill-istess appellant u anki minn missieru. L-allegat vittma kompla jghid:-

*"Sussegwentement konna niltaqghu tlett darbiet fil-gimgha u kien jigi jigborni minn hdejn il-hanut tal-pastizzi vicin id-dar u kien johodni l-flat tieghu, Bugibba. Meta jien kont immur mieghu, kien inezzghani u l-istess kien jimmasturbani u jghidli biex naghmel l-istess fuq il-persuna tieghu, pero' jien ma kontx inkun irrid u fil-fatt qatt m' ghamiltha u kien jipprova wkoll jaghmel is-sess mieghi minn wara u jien kont nghidlu le u kull darba wara kont*

*ninhasel u jehodni lura d-dar u jaghtini xi haga tal-flus." (Fols. 15, 16 tal-process.)*

Il-fatt li Omissis 4, meta xehed a fols. 85 sa 87 tal-process, ma semmiex li kien ra xi videos pornografici ghand l-appellant, ma jffissirx li b' daqshekk qed jikkontradici lill-allegata vittma meta jghid li darba kienu flimkien ghand l-appellant meta raw dawn il-videos. Jidher li hadd ma ghamillu din id-domanda w ghalhekk din tista'tkun ir-raguni ghala ma semmiex din ic-cirkostanza. Pero', b' daqshekk ma jfissirx li cahadha. Ma tistenniex li guvni ser joqghod jghid li qaghad jara films porongrafici, anki jekk ikun rahom, jekk hadd ma jsaqsieh dwarhom.

Fuq il-kwistjoni ta' jekk xorbux meta marru ghand l-appellant Bugibba, hemm diversi versjonijiet w f' kull kaz din hija cirkostanza periferika li b' ebda mod ma teffettwa il-*crux* tal-kwistjoni principali u cioe' jekk meta l-appellant kien isib ruhu wahdu mall-allegat vittma, kienx jabbuza minnu sesswalment. L-istess jinghid ghall-kwistjoni tal-karti tal-ezami. Jirrizulta li l-appellant kien fdat bil-karti tal-ezami mill-iskola ghall-inqas f' certi zmienijiet u ghalhekk seta' facilment wera xi karti lill-allegata vittma u lil uhud minn shabu. Dan hu korroborat minn Omissis 4 (Fol.86 u 87).

Il-fatt li f' xi zmien l-allegata vittma w uhud minn shabu kienu jibbluffjaw dwar li jmorru mall-qhab u b' hekk, jekk dan ma kienx veru, kienu qed jigdbu, wkoll mhux centrali ghall-kaz, ghax persuna tista' tigdeb fuq xi cirkostanza w tkun qed tghid il-verita' fuq haga ohra.

Ghalkemm l-appellant cahad l-allegazzjoni li fl-ewwel okkazzjoni fuq imsemmija huwa kien rega' ha lill-allegata vittma wahdu fil-flat wara li wassal lill shabu d-djar taghhom, (u allura implicitament cahad li sehh l-istess incident) kif ukoll cahad li kien qatt wera films pornografici lill-allegata vittma, meta xehed quddiem l-Ewwel Qorti, (fols. 148 sa 153; 156 sa 160 u 165 sa 166), hu mill-aktar stramb li fil-waqt li kien qed jirrispondi ghal kull domanda li saritlu waqt li kien qed jigi interrogat mill-Pulizija, fi

stqarrija ta’ erba pagni, (fols. 38 sa 41 tal-process) rrifjuta li jwiegeb biss ghad-domandi segwenti :-

**Mistoqsija** :“*Jekk nghidlek li kont turih il-films pornografici biex teccitah, xi twiegeb?*
**Twegiba**: “*Ma nwegibx.”*

**Mistoqsija**: *“Kien hemm granet meta inti kont tiehu lil omissis fil-flat tieghek tal-Qawra, kontu tkunu wehidkom u kont timmasturba lilu u kif ukoll tpoggi l-parti privata tieghu f’ halqek u tghidlu biex jaghmel l-istess lilek. Dan Veru?”*
**Twegiba**: *“Ma nwegibx.”*

**Mistoqsija**: *Dakinhar abbuzajt min Omissis fil-flat tieghek tal-Qawra?*
**Twegiba** “ *Ma nwegibx.”*

**Mistoqsija**: “*Nghid sewwa li dawn il-videos pornorgrafici , urejthom lil omissis?*
**Twegiba**: *“Ma nwegibx.”*

Wiehed bil-fors jistaqsi x’ gieghel lill-akkuzat li ma jwegibx ghal dawn l-erba domandi b’ cahda kategorika *a tempo vergine*, kif seta’ facilment jaghmel kieku ried. Ladarba hu ghazel li jaghmel statement u wiegeb fuq kollox u anki f’ xi partijiet cahad xi allegazzjonijiet ohra li sarulu fid-domandi, ghaliex proprju dawn l-erba mistoqsijiet ma cahadhomx ukoll bl-istess mod? Ir-raguni li gab a fol. 157 u cioe’ :-

“Mistoqsi ghaliex jiena ma wegibtx ghad-domandi li saruli in konnessjoni mas-sess, nghid li dak il-hin jiena kont shocked u hija (l-ispettur) qaltli li nista’ ma imwegibx u ghalhekk ghazilt li ma nwegibx.”

fl-opinjoni konsiderata ta’ din il-Qorti xejn ma hija konvincenti, ghax wiehed kien jistenna li l-appellant jinnega bl-aktar mod vehementi meta gie rinfaccjat b’ tali allegazzjonijiet, kieku ma kienux veri.

Ghalhekk din il-Qorti tara li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha sal-istadju meta giet biex taghti s-sentenza

appellata setghet liberament tasal ghall-konkluzzjoni ta' htija li waslet ghaliha.

Pero', kif gja nghid aktar il fuq f' din is-sentenza, din il-Qorti anki bil-qbil tal-prosekuzzjoni, kienet ammettiet zewg xhieda godda li l-appellant kien sar jaf b' dak li kellhom xi jghidu wara li nghatat is-sentenza appellata. Dawn ix-xhieda w cioe' Omissis 2 u Omissis 3 qalu li wara li kienu ndunaw bis-sentenza appellata, kienu ftakru f' incident fejn l-allegata vittma, waqt li kien qed jitkellem ma shabu fil-workshop tal-iskola li kienu jattendu, semghuh jghid kliem fis-sens li hu ried *"ja..i lill-appellant mid-dinja"* u *"Lis-Sur Giacomotto irrid inwahhalulu jien.."* u dan ghaliex ried ipattihielu ghax kien ser jinforma lill-missieru b' xi droga u b' xi qhab. Dak iz-zmien u cioe' ghall-habta ta' Dicembru, 2000, ma kienu qalu xejn lill-appellant b' dad-diskors biex ma jinkwetax. Umbaghad meta Mercieca sema bis-sentenza appellata fuq l-ahbarijiet, cempel lil Micallef u qallu li l-appellant kellu problema. Umbaghad Mercieca mar ghand l-appellant u qal lill-appellant x' kienu semghu lill-allegat vitttma jghid u minn hemm stess cempel lill-Micallef li mar ukoll ghand l-appellant u hu u Mercieca hemm, qalu lill-appellant x' kienu semghu lill-allegat vittma jghid. Umbaghad saru l-affidavits taz-zewg xhieda fil-21 ta' Marzu, 2006, li jinsabu esebiti a fols. 281 u 282 tal-process.

Il-Qorti irriflettiet fit-tul dwar dan l-izvilupp fil-provi. Ghalkemm m'ghandhiex raguni ghala tqis ix-xiehda ta' Micallef u Mercieca bhala wahda mhux attendibbli sal-grad tal-probabbli, minnha ma jirrizultax li l-allegata vittma riedet tpattiha lill-appellant billi tivventa storja fabbrikata t' abbuz sesswali. Jekk stess verament kien intqal dak id-diskors li xehdu li semghu Mercieca u Micallef, dan juri biss certu *rancore* u rabja da parti tal-allegata vittma versu l-appellant, imma mhux necessarjament li ser jasal biex jivvinta fuqu. Din ir-rabja setghet twassal ghall-istess hsara fil-konfront tal-appellant anki billi semplicement jinkixfu dwar l-abbuz sesswali li l-appellant kien verament wettaq mieghu. Il-kxif ta' tali abbuz, seta' ukoll jissodisfa kull sens ta' tpattija li seta' kien qed jimmotiva lill-allegata vittma, kif ukoll iwassal ghall-konsegwenzi gravi li l-

allegata vittma b’ mod vulgari kien qal li ried jasal ghalihom.

Ghalhekk din il-prova gdida sa hawn tasal u xejn aktar. Bl-ebda mod, fil-fehma ta’ din il-Qorti ma tannjenta x-xiehda diretta w skjetta dwar l-abbuz sesswali pratikat mill-appellant fuq l-allegata vittma kif korroborata mill-assjem tal-provi kollha fuq imsemmija.

Ghalhekk anki t-tieni aggravju li jirrigwarda l-apprezzament tal-provi mill-Ewwel Qorti qed jigi respint, fl-aspetti kollha tieghu.

Illi fir-rigward tat-tielet u l-ahhar aggravju dwar il-piena, hu pacifiku li l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta’ l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x’jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara. “**Ir-Repubblika ta’ Malta vs. David Vella”** [14.6.1999] , **“Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina”** [24.4.2003] u ohrajn.)

F’dan il-kaz il-piena decizament hija entro l-parametri tal-ligi. Di fatti skond il-proviso (1) ( c) tal-artikolu 203, il-piena ghar-reat li tieghu nstab hati l-appellant hi dik ta’ prigunerija minn tlitt snin sa sitt snin. Ghalhekk il-piena erogata hija aktar vicin il-minimu milli l-massimu, w konsidrata l-pozizzjoni li kellu l-appellant ta’ ghalliem u f’certu zmien addirittura ta’ *“guidance teacher*” fl-iskola li kien jiffrekwenta l-vittma, l-Ewwel Qorti kienet pjenament gustifika li teroga l-piena li erogat fic-cirkostanzi. Il-piena minima ta’ tlitt snin prigunerija preskritta mill-ligi, tipprekludi lil din il-Qorti milli tikkonsidra xi forma ta’ sentenza sospiza, anki kieku kien il-kaz, li mhux. L-istess jinghid ghall-possibilita’ tal-applikazzjoni ta’ xi provvediment skond il-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, ghax mhux il-kaz li l-Qorti tpoggi lil *guidance teacher* li xogholu hu li jipprotegi t-tfal b’ mod specjali minn problemi li jiltaqghu maghhom, fosthom abbuz sesswali, taht xi forma ta’ probation, meta hu stess ikun abbuza minn tfal fdati lilu. Dan ikun assurd u l-istitut tal-probation zgur li ma giex koncepit ghall-dawn il-kazijiet. Ghalhekk ma tara li

hemm lok ghall-ebda temperament fil-piena w dan l-aggravju wkoll qed jigi respint.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud w s-sentenza appellata konfermata fl-intier taghha.

Il-Qorti, tikkonferma l-ordni tal-Ewwel Qorti li l-isem u l-konnotati kollha tal-minuri li xehdu f' dawn il-proceduri m' ghandhomx jigu pubblikati fuq il-mezzi kollha tax-xandir kif ukoll il-projbizzjoni tal-pubblikazzjoni tal-isem tal-iskola fejn kien jghallem l-appellant, u dana fl-interess tal-istess minuri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------